**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 378/2012 AF**

**Marco Garaffa**

**vs**

**Gasan Enterprises Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Marco Garaffa, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur xtara u akkwista minghand is-socjetà konvenuta vettura gdida tal-marka Ford Kuga bin-numru tar-registrazzjoni "Kuga" u dan fis-17 ta' Dicembru 2008.

Ftit wara li din il-vettura giet ikkonsenjata lill-attur beda diehel kwantità ta' ilma mill-'windscreen'/sunroof ta' quddiem tal-istess vettura.

Nonostante diversi tentattivi da parti tas-socjetà konvenuta sabiex tigi rimedjata din il-problema, xorta wahda baqa' diehel l-ilma. F'okkazjoni partikolari s-socjetà konvenuta accettat li tbiddel il-'windscreen' tal-vettura u l-vettura damet aktar minn tlett xhur fil-garage tas-socjetà konvenuta però dan ma solviex il-problema.

Fil-frattemp saru diversi negozjati bejn il-partijiet sabiex tigi rizolta din il-pendenza però minghajr esitu favorevoli.

Minkejja diversi tentattivi u kif già gew avzati kemm il-darba l-konvenuti, din il-vetturi jirrizulta li mhijiex tal-kwalità pattwita u dan minhabba problemi li l-konvenuti mill-ewwel xhur gew nfurmati dwarhom u li minkejja li dahlet ghandhom ghall-verifiki u tiswijiet diversi drabi, is-socjetà konvenuta ghadha mhix f'posizzjoni tindividwa u ssolvi professjonalment.

Fil-frattemp l-attur inkorra danni kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Permezz ta' ittra tas-17 ta' Novembru 2011 is-socjetà konvenuta giet interpellata sabiex tirrixendi l-bejgh in kwistjoni però baqghet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi vettura tal-marka Ford Kuga bin-numru tar-registrazzjoni "Kuga" mibjugha lill-atturi fis-17 ta' Dicembru 2008 mhijiex wahda tal-kwalità pattwita u hija milquta b'nuqqas ta' konformità kif provduta fl-artikolu 74 sa 76 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hemm lok li tintalab ir-rexxessjoni tal-kuntratt tal-bejgh *de quo* u r-rifuzjoni tal-prezz kollu mhallas.

2. Tirrixendi l-bejgh tal-vettura tal-marka Ford Kuga bin-numru ta' registrazzjoni "Kuga" mibjugha lill-atturi fis-17 ta' Dicembru 2008.

3. Tordna lis-socjetà konvenuta tirrifondi lura lill-attur il-prezz imhallas ta' tnejn u erbghin elf Ewro (€42,000).

4. Tiddikjara illi a kawza tal-agir tas-socjetà konvenuta kif fuq inghad l-attur sofra danni konsistenti fost affarijiet ohra ta' licenzji, assikurazzjoni u registrazzjoni.

5. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Gasan Enterprises Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, sabiex jehles mir-rabta kuntrattwali mas-socjetà konvenuta kif jidher mill-kuntratt tas-17 ta' Dicembru 2008 (il-"Kuntratt"), ir-rikorrent kellu jirrifjuta materjalment il-vettura mibjugha tal-marka Ford Kuga (il-"Vettura") u jiddepozitaha taht l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tar-rikorrent hija preskritta u dan skond l-Artikolu 78 u 79 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, s-socjetà konvenuta tichad li l-Vettura kkonsenjata lir-rikorrent mhijiex tal-kwalità pattwita u li hija milquta b'nuqqas ta' konformità mad-deskrizzjoni u l-ispecifikazzjoni tal-Kuntratt, u ghaldaqstant is-socjetà konvenuta tirrispondi li mhix responsabbli li taghti r-rimedji mitluba mir-rikorrent fir-rikors promotur.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, ir-rikorrent kellu, fl-ewwel lok qabel ma jintavola talba ghal rexissjoni tal-Kuntratt, jirrikorri ghal rimedji provduti fl-Artikolu 75 tal-Kap. 378 u huwa biss wara li jezawrixxi dawn ir-rimedji inutilment illi jista' jirrikorri ghar-rimedji mitluba fir-rikors promotur.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrent m'ghandux il-jedd ghar-rexxissjoni tal-Kuntratt; jekk hemm xi nuqqas ta' konformità dan ma jirrizultax fil-Vettura izda limitatament fir-rigward tas-sealer tal-windscreen, u bhala tali l-allegat nuqqas ta' konformità huwa wiehed minuri, insinjifikanti u li ma jgibx mieghu konsegwenza ta' rexxissjoni.

Is-socjetà konvenuta tichad ulterjorment illi hija responsabbli ghall-allegati danni li jghid li sofra r-rikorrent.

Di più, r-raba' talba tar-rikorrent ma tistax tigi akkolta ghaliex il-Kap. 387 ma jikkontemplax ghotja ta' danni meta ssir talba abbazi tal-Artikoli 74 sa 76.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom ikunu michuda.

Salv risposti ohra jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez.

<u>IL-FATTI</u>

Is-socjetà konvenuta taqbel mal-fatti esposti fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat, u zzid tghid illi s-socjetà konvenuta ikkonsenjat il-Vettura fit-23 ta' Dicembru 2008.

Is-socjetà konvenuta ma taqbilx mal-fatti esposti fit-tieni paragrafu u tirrispondi illi ma saru l-ebda ilmenti lis-socjetà konvenuta dwar perkolazzjoni ta' ilma mill-'windscreen' tal-Vettura ftit wara li din il-Vettura giet ikkonsenjata lir-rikorrent. F'dan ir-rigward, is-socjetà konvenuta zzid tghid li fit-23 ta' Gunju 2009, is-socjetà konvenuta ghamlet rimpjazzament tal-'windscreen' wara li l-Vettura tar-rikorrent kienet involuta f'incident awtomobilistiku. Kien biss wara dan l-incident, li r-rikorrent kien ghamel ilment dwar perkolazzjoni tal-ilma u dan kif ser jigi spjegat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Fir-rigward tat-tielet paragrafu fir-rikors guramentat, is-socjetà konvenuta ma taqbilx mal-fatti kif esposti mir-rikorrent.

Fir-rigward tar-raba' paragrafu tar-rikors guramentat, il-fatti msemmija mhumiex ikkontestati izda s-socjetà konvenuta tirrispondi illi waqt in-negozjati, s-socjetà konvenuta, offriet li taghmel tiswijiet relatati mal-'windscreen' tal-Vettura minghajr hlas mir-rikorrent, izda r-rikorrent ghazel li jintavola din il-kawza.

Fir-rigward tal-hames paragrafu tar-rikors guramentat, is-socjetà konvenuta ma taqbilx mal-fatti kif esposti mir-rikorrent u zzid tghid li r-rikorrent avza lis-socjetà konvenuta ghall-ewwel darba bil-miktub li l-Vettura ma kienitx allegatament tal-kwalità pattwita fis-17 ta' Novmebru 2011 permezz ta' ittra.

Fir-rigward tas-sitt paragrafu tar-rikors guramentat, is-socjetà konvenuta tichad li hi responsabbli ghad-danni indikati mir-rikorrent u tirrispondi li r-rikorrent irid jaghmel il-prova tad-danni rejalment subiti minnu.

Fir-rigward tas-seba' paragrafu, s-socjetà konvenuta tirrispondi li hija gharrfet lir-rikorrent bil-posizzjoni taghha u cahdet l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrent permezz ta' ittra datata 26 ta' Marzu 2012. Minghajr ebda ammissjoni da parti taghha, is-socjetà konvenuta offriet li jsiru tiswijiet minghajr hlas relatati mal-'windscreen' tal-Vettura, madanakollu fit-12 ta' April tal-2012 ir-rikorrent intavola dawn il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant, is-socjetà konvenuta hija tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ma ghandhomx jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Rat illi permezz ta' sentenza in parte tal-4 ta' Frar 2015, ġew miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonjiet preliminari tas-soċjeta konvenuta.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Mario Buttigieg, maħtur fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2018.

Rat it-tweġibiet tal-perit tekniku għad-domandi in eskussjoni tas-soċjetà konvenuta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob ir-rexxissjoni tal-bejgħ tal-vettura tal-marka Forg Kuga, mibjugħa mis-soċjetà konvenuta fis-17 ta' Diċembru 2008. Dan peress illi l-attur jgħid illi din il-vettura '*mhijiex tal-kwalità pattwita u hija milquta b'nuqqas ta' konformità kif provdut fl-artikolu 74 sa 76 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta.*' Huwa qiegħed jitlob ukoll likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

Jirrizulta inkontestat illi l-attur xtara mingħand is-soċjetà konvenuta vettura tal-għamla Ford Kuga, bir-reġistrazzjoni "KUGA" f'Diċembru tal-2008 għall-prezz ta' €42,600. Is-saqaf ta' din il-vettura huwa tal-ħġieġ. Fil-bidu tas-sena sussegwenti waqt illi l-attur kien qiegħed isuq din il-vettura ġewwa Sqallija, il-*windscreen* tal-vettura ntlaqat minn żrara u xxaqqaq. L-attur għamel *claim* mas-soċjetà assiguratriċi tiegħu, Citadel Insurance plc u ġie awtorizzat isewwi l-vettura għand is-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta ordnat *windscreen* ġdid u malli wasal l-impjegati tal-konvenuta qalgħu il-*windscreen* l-imkisser u

minfloku wahhlu l-ġdid. Għal dawn it-tiswijiet il-konvenuta fetħet dik li tissejjaħ *job card* minn fejn jirriżulta li dan ix-xogħol fuq il-*windscreen* sar f'Ġunju tal-2009.

Dwar x'ġara wara li saru dawn it-tiswijiet, il-partijiet ftit li xejn jaqblu bejniethom. Skont l-attur, malli ħareġ il-vettura mingħand Gasan sab illi kienet maħmuġa kemm minn barra u kif ukoll minn ġewwa kif ukoll li t-tapit li l-vettura toħroġ bih mill-fabbrika (taħt it-twapet tas-saqajn) kien imxarrab. Għalhekk, l-għada stess reġa' mar għand Gasan u hemmhekk qalulu li fil-fatt daħal l-ilma mill-*windscreen* u żammewielu għal ftit ġranet oħra biex jixxuttaw it-tapit u jirranġawlu l-*windscreen*. Ikompli billi jgħid illi meta mar biex jiġbor il-vettura sab illi kienu għamlulu *silicone* fuq is-*silicone* li kien hemm diġà u allura l-*manager* ta struzzjonijiet lil ċertu Robert biex iġib xafra u jaqta' s-*silicone*. Skont l-attur, waqt li dan Robert kien qiegħed jaqta' s-*silicone*, huwa laqat il-*packing* tal-lastiku li jservi bħala *seal* biex iżomm l-ilma milli jidħol ġewwa minn bejn il-*windscreen* u s-saqaf tal-ħġieġ tal-vettura.

L-attur jgħid li dan ix-xogħol ma kienx aċċettabbli għalih u allura qabbad avukat biex jitlob lis-soċjeta konvenuta tħallas l-ispejjeż biex jieħu l-vettura Sqallija u jsewwi għand l-aġent tal-Ford t'hemmhekk. Il-konvenuta m'aċċettatx u minflok offriet illi jerġgħu jirranġaw il-*windscreen* u jibdlu l-*packing* tal-lastiku. Għal darb'oħra l-attur aċċetta. Dan ix-xogħol sar f'Awwissu tal-2009.

Madanakollu, l-attur jispjega li f'Diċembru tal-2011, wara li saq il-vettura fix-xita, sab illi xorta waħda kien qiegħed jidħol l-ilma fil-vettura, din id-darba minn post differenti fil-*windscreen*. Reġa' mar għand il-konvenuta u din id-darba ftehmu li jsir *water leak test* sabiex jivverifikaw minn fejn kien dieħel l-ilma. Dan it-test sar fil-preżenza ta' Carmel Agius, missier il-mara tal-attur. Dakinhar, l-impjegati tal-konvenuta żarmaw il-parti ta' quddiem tal-vettura sabiex jaraw l-ilma minn fejn kien dieħel u sabu li kien hemm toqba fis-*silicone* minn fejn kien qed jidħol l-ilma fil-vettura. Skont l-attur, l-impjegati reġgħu ramaw il-vettura ta' malajr mingħajr lanqas biss mesħu l-ilma li kien daħal. B'żieda ma' dan, il-vettura ma ġietx armata kif suppost b'mod illi ma reġgħetx ġiet kif kienet. L-attur iżid jgħid illi Gasan qatt ma

riedu jaghtuh rapport dwar l-investigazzjoni li saret fuq il-vettura. In kontro eżami l-attur xehed ukoll illi meta daħal l-ilma t-tieni darba saret ħsara fis-sistema elettronika tal-vettura.

Xehed ukoll Natalino Agius, *surveyor* imqabbad minn Citadel plc li jiftakar li kien hemm problema ta' ingress ta' ilma fil-vettura minħabba li tqatta' l-lastiku tas-saqaf waqt illi l-impjegati ta' Gasan kienu qed jibdlu l-*windscreen*. Huwa xehed ukoll illi minkejja li dan il-lastiku inbidel, xorta waħda baqa' jidħol l-ilma fil-vettura.

Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tiċħad illi wara li saru xogħlijiet fuq il-*windscreen* f'April tal-2009 l-attur kien avviċinahom u qalilhom li qed jidħol l-ilma. Carmelo Camenzuli, li kien jaħdem mal-konvenuta bħala *Service Assistant Manager* qabel irtira fis-sena 2011 jiċħad kategorikament illi wara x-xogħol li sar fuq il-*windscreen* il-vettura kienu ħallewha maħmuġa, li l-għada li tlestiet l-attur kien reġa mar jgħidilhom li qed jidħol l-ilma jew li dakinhar kien qabbad lil xi ħadd 'Robert' biex jirranġa s-*silicone*. Kemm skont dan ix-xhud u kif ukoll skont Julian Borg, *After Sales Manager* mal-konvenuta, fir-*records* tal-kumpannija ma sabu l-ebda dokument li juri li l-attur għamel xi lment dwar ingress ta' ilma wara li sar ix-xogħol fuq il-*windscreen* f'Ġunju tal-2009. Ġew esibiti biss żewġ *job cards* ta' Marzu 2010 minn fejn jirriżulta li kellu jinbidel il-lastiku tal-*windscreen* u l-*windscreen moulding*. Madanakollu, Borg jinsisti li dan il-bdil tal-lastiku kien għal raġunijiet kosmetiċi u mhux għaliex kien qiegħed jidħol l-ilma u fil-fatt dak iż-żmien l-attur ma kienx ilmenta dwar xi ilma. Ix-xhud iżid jgħid illi qabel irċevew l-ittra legali tas-17 ta' Novembru 2011, is-soċjetà konvenuta ma kellha l-ebda lment dwar xi ilma li kien qiegħed jipperkola fil-vettura. Wara din l-ittra, il-partijiet jaqblu li sar il-*water leak test* imma x-xhud jiċħad illi meta l-ħaddiema ta' Gasan reġgħu armaw il-vettura m'għamlux kollox sew.

Dwar l-eżitu tal-*water leak test* il-partijiet jaqblu bejniethom. Fil-fatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta tgħid illi mhux tikkontesta li '*is-sealer fuq in-naħa tax-xellug tal-passiġġier tal-windscreen kien imtaqqab u per konsegwenza qed jidħol l-ilma*'. Skont il-konvenuta, din il-problema setgħet

tissewwa faċilment imma kien l-attur li ma riedx isewwi u minflok ipproċeda b'din il-kawża.

Il-perit tekniku kkonstata li l-*windscreen* ma twaħħalx b'mod professjonali u li s-*silicone* u l-kolla tħallew jidhru. Ikkonstata wkoll li t-tapizzerija tas-saqaf tħalliet imdendla minflok tpoġġiet lura kif suppost kif ukoll illi qed jgħaddi l-ilma mill-*windscreen*.

Dwar il-perkolazzjoni tal-ilma, il-perit tekniku jispjega li l-ilma qed jaqa' fuq id-*dashboard* u kif ukoll jiskula għal wara d-*dashboard* u jibqa' nieżel sal-*floorboard*. Dan peress illi min kien inkarigat mix-xogħol fuq il-vettura f'partijiet għamel wisq *silicone* u f'partijiet oħra m'għamilx biżżejjed u allura qed jidħol l-ilma.

Il-perit tekniku jkompli billi jispjega li għalkemm il-possibbiltà hija remota, dan l-ilma jista' anke joħloq *short circuit* apparti ħsara oħra fil-vettura. Skont il-perit tekniku, il-problemi jistgħu jissewwew imma għadhom hemm peress li ilma għadu dieħel u l-ħsara tkompli tikber.

L-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-provvedimenti tal-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-taqsima hija msejħa "Bejgħ ta' oġġetti lill-Konsumatur".

A tenur tal-artikolu 73 ta' dan l-Att:

> *"(1) Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skont hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti -*
>
> *(a) jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u l-kwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant jkun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;*

*(b) jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih il-konsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarraf bihom lill-kummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt;*

*(ċ) jkunu adattati għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw; u*

*(d) juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti tal-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta tal-oġġetti u meta jitqiesu d-dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment fl-irreklamar jew fuq it-tikketti.*

*...*

*(4) Kull nuqqas ta' konformità li tirriżulta mill-istallazzjoni mhux tajba tal-oġġetti għandha titqies daqslikieku kienet nuqqas ta' konformità tal-oġġetti jekk l-istallazzjoni tkun parti mill-kuntratt tal-bejgħ tal-oġġetti u l-oġġetti kienu installati mill-kummerċjant jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Dan għandu japplika wkoll jekk il-prodott, li jkun maħsub li jiġi installat mill-konsumatur, jiġi installat mill-konsumatur u l-installazzjoni mhux korretta tkun dovuta għal xi difett fl-istruzzjonijiet dwar l-istallazzjoni."*

L-artikolu 74 jaqra hekk:

*"(1) Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.*

*(2) Fil-każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew –*

*(a) li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1), jew*

*(b) li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2)."*

L-artikolu 75 imbagħad jipprovdi li:

*"(1) Sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjahom, f'kull każ bla ebda ħlas.*

*(2) Rimedju jitqies li jkun sproporzjonat jekk ikun jimponi spejjeż fuq il-kummerċjant li, b'paragun mar-rimedji alternattivi li jeżistu taħt din it-Taqsima, ma jkunux raġonevoli, meta jitqiesu –*

*(a) il-valur tal-oġġetti li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità,*

*(b) xi jkun ifisser dak in-nuqqas ta' konformità, u*

*(ċ) jekk ir-rimedju alternattiv ikunx jista' jitlesta għal kollox mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.*

*(3) Kull tiswija jew rimpjazzament għandhom jitlestew, kemm ikun prattikament malajr, fi żmien raġonevoli u mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur, meta titqies ix-xorta tal-oġġetti u l-iskop li għalih il-konsumatur jkun ħtieġ dawk l-oġġetti."*

Finalment, skont l-artikolu 76:

*"(1) Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt –*

*(a) meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew*

*(b) jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġonevoli, jew*

*(ċ) jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.*

*(2) Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni tal-kuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħed minuri u insinjifikanti."*

Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà konvenuta tiċħad illi l-vettura konsenjata lill-attur ma kienitx tal-kwalità pattwita jew li kienet milquta b'nuqqas ta' konformità mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ. Tkompli għalhekk billi teċċepixxi li hija mhijiex responsabbli tagħti r-rimedji mitluba mill-attur fir-rikors maħluf tiegħu.

Fis-sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta tkompli fuq din l-eċċezzjoni billi targumenta li l-attur ma jistax jirnexxi f'din l-azzjoni ladarba mhux kontestat illi meta nxtrat u ġiet konsenjata l-vettura kienet f'kundizzjoni tajba u kien biss wara li saru tiswijiet fuq il-*windscreen*, minħabba inċident li ma kellhiex x'taqsam miegħu l-konvenuta, li sar xogħol ħażin fil-lastiku ta' bejn is-saqaf u l-*windscreen* li wassal għall-ħsara fil-vettura minħabba ingress ta' ilma.

Il-Qorti taqbel mas-soċjeta konvenuta li l-attur ma jistax jirnexxi f'din l-azzjoni stante li fil-mument tal-bejgħ tal-vettura, il-*punctum temporis* rilevanti għall-azzjoni ta' din ix-xorta, il-vettura filfatt kienet tal-kwalità pattwita u konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ. L-istess rikorrenti ma jichadx dan.

Mingħajr l-ebda dubju, meta l-attur ħa l-vettura għand il-konvenuta sabiex jissewwa l-*windscreen*, inħoloq kuntratt t'appalt, u kien riżultat ta' xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti waqt l-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt t'appalt li beda jidħol l-ilma u jikkawża ħsara fil-vettura. Din hija kwistjoni li m'għandha x'taqsam xejn mal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura li kien sar xhur qabel l-inċident tal-*windscreen*.

Bl-ebda tiġbid tal-imaġinazzjoni ma jista' jingħad illi d-difett fis-*silicone* jew fil-lastiku li ntlaqat jew sar ħażin fil-waqt tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt t'appalt għandu x'jaqsam mal-kuntratt tal-bejgħ tal-vettura. Ladarba l-kawża tal-lum saret abbażi tal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura u l-obbligi li bil-liġi jrid jassumi l-bejjiegħ, it-talbiet attriċi ma jistgħu jintlaqgħu għaliex kif diġà ntqal, meta sar il-kuntratt ta' bejgħ, il-vettura ma kellha l-ebda difett.

L-attur stess fin-nota tiegħu jgħid illi d-difett li minnu qed jilmenta huwa t-twaħħil ħażin tal-*windscreen*. Il-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura u l-kuntratt t'appalt li attwalment wassal għall-ħsara huma żewġ fatti ġuridiċi differenti u ma jistax l-attur jippretendi jiftaħ kawża abbażi ta' kuntratt minnhom biex jieħu rimedju meta huwa kien imissu ipproċeda abbażi tal-kuntratt l-ieħor.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jagħmel riferenza wkoll għall-artikolu 73(4) tal-Kap. 378 li jitkellem dwar nuqqas ta' konformità li tirriżulta mill-istallazzjoni mhux tajba tal-oġġett. Madanakollu, l-argument li jressaq ma jreġix għaliex meta ġiet ikkonsenjata l-vettura wara l-bejgħ, ma kienet saret l-ebda installazzjoni.

Kif diġà ntqal, l-installazzjoni li kkawżat il-ħsara ma kienitx relatata mal-bejgħ tal-vettura. L-installazzjoni li qed jagħmel riferenza għaliha dan is-sub-artikolu huwa dak relatat mal-mument tal-bejgħ, meta l-oġġett li jkun nxtara jkun irid jiġi nstallat u mhux kwalunkwe installazzjoni li ssir wara minħabba xi ħsara aċċidentali li sseħħ wara l-kuntratt ta' bejgħ.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur isemmi wkoll li kemm il-vettura u kemm il-*windscreen* kienu għadhom taħt il-garanzija. Madanakollu, la fir-rikors maħluf u lanqas fl-istadju tal-ġbir tal-provi ma għamel xi referenza għall-garanzija. Mhux leċitu li l-attur iqajjem argumenti ġodda fin-nota ta' sottomissjonijiet b'mod illi jibdel l-kompletament il-premessi u l-kawżali li huma l-bażi tal-azzjoni.

L-istess għandu jingħad dwar ir-riferenza li jagħmel l-attur fis-sottomissjonijiet tiegħu għall-artikolu 62 tal-Kap. 378 li jitkellem

dwar ir-responsabbiltà tal-fornitur tal-prodott għall-prodotti difettużi. L-azzjoni tal-lum ma saritx abbażi ta' din it-taqsima tal-liġi imma speċifikament abbażi ta' dik it-taqsima li tirregola l-bejgħ ta' oġġetti lill-konsumaturi, li kif diġà ntqal ma ssibx applikazzjoni fil-kawża tal-lum.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu b'dan illi s-soċjetà konvenuta għandha tħallas l-ispejjeż tas-sentenza in parte tal-4 ta' Frar 2015.

IMHALLEF

DEP/REG